15 ta' Diċembru, 1945.

**Imħallfin.**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Giuseppe Carbone *versus* P.L. Roberto Tabone ne.

**Board tal-Kera — Depożitu — Nullità — Art. 30 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931.**

*Kwalunkwe rikors li bih tinfetaħ proċedura quddiem il-Board tal-Kera għandu jkun akkumpanjat mid-depożitu preskritt mil-liġi; iżda jekk ikun hemm xi difett jew żball f'dak id-depożitu, il-proċedura ma tkunx nulla, u d-difett jista' jiġi sanat.*

*Għax il-Liġi tal-Kera tordna dan id-depożitu mingħajr ma tikkommina ebda nullità, u n-nullità ma tistax tiġi dikjarata, jekk ma hix espressament stabbilita, minn dispożizzjonijiet anki li jirrigwardaw proċeduri speċjali.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board tal-Kera ta' l-imsemmi Carbone, fejn ippremetta li qiegħed jikri minn għand l-intimat l-appartament nru. 2, Prince Albert Street, no. 26, Sliema, bil-kera ta' £32 fis-sena li jitħallas kull tliet xhur bil-quddiem u li l-lokazzjoni tiegħu korrenti tiskadi fil-31 ta' Lulju 1945, u li l-appartament fuq imsemmi gie mill-Gvern denunzjat li fl-1939 l-aktar li gieb kera £18. 10. 0 fis-sena; u talab lil dak il-Board biex jistabbilixxi l-kera gust tal-

immemmi appartament u jordna r-rifużjoni tal-kera eċċessiv mill-1 ta' Awissu 1945; u jiddepożita £2. 8. 0;

L-intimat irrileva li dak id-depożitu kien difettuż u ma ma kienx konformi għall-art. 30 (Ord. XXI ta' l-1931);

Il-Board fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 1945 ippermetta lill-attur biex jirreintegra d-depożitu, dak li l-attur għamel b'nota tat-8 ta' l-istess xahar;

Rat is-sentenza tat-12 ta' Novembru 1945, li biha l-Board wara li ddikjara li n-nuqqas fid-depożitu magħmul mar-rikors ma jimpurtax nullità, iżda jagħti lok għar-reintegrazzjoni tiegħu, iddeċieda u stabbilixxa l-kera għal £20 fis-sena........;

Rat ir-rikors ta' l-intimat fejn talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u r-rigett tad-domandi ta' l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi tnejn huma l-motivi ta' l-aggravju ta' l-appellant :—(1) Għaliex il-Board ippermetta lir-rikorrent jirreintegra d-depożitu u b'hekk issana d-difett li ġġib magħha n-nullità tar-rikors; (2) u illi l-kera li stabbilixxa l-Board huwa eċċessivament baxx u wisq anqas mill-valur lokativ ta' l-appartament in kwistjoni;

Ikkunsidrat fuq l-ewwel aggravju;

Illi huwa veru li l-art. 30 tal-Liġi fuq ċitata jeżiġi li kull rikors li bih tinfetaħ il-proċedura quddiem il-Board tal-Kera għandu jkun munit b'depożitu, imma dak l-artikolu ma jikkommina l-ebda nullità, u dina n-nullità ma tistax tiġi desunta, jekk ma hijiex espressament stabbilita, kif huwa l-każ, minn dispożizzjonijiet oħra li jirrigwardaw proċeduri speċjali. Għandu jiġi rilevat illi l-kliem espress tal-liġi juri li l-proċedura quddiem il-Board għandha tkun sommarja, u meta l-Board iddifferixxa l-kawża biex id-depożitu jiġi reintegrat, il-għaliex huwa evidenti li r-rikorrent għamel żball fil-kalkolu meta ddepożita 5s. 4d. anqas, għamel dak li hemm bżonn biex ikun ottemperat dak li jitlob u iddisponi l-art. 30 ta' l-istess liġi;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi l-valutazzjoni tal-kera li l-Board għamel mhix għal-

hekk sindakabili minn din il-Qorti, ghaliex ir-reintegrazzjoni tad-depożitu ma nfluwenzatx dik il-valutazzjoni;

Ghal dawn ir-raġunijiet tirriġetta l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata mill-intimat, u tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż kontra l-intimat appellant.